# QORTI TAL-APPELL

**Imħallfin**

**Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo**
**President**

**Onor. Imħallef Tonio Mallia**

**Onor. Imħallef Anthony Ellul**

**Rikors numru 61/2020 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1562/2019 fl-ismijiet:**

***Seyba Aluminium Limited***

***v.***

**Grazio Debono u *Windmill Aluminium Company Limited***

1. Dan huwa provvediment fuq rikors tas-27 ta' Frar 2020 ta' Grazio Debono, sekwestrat, biex il-qorti tħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi għar-raġunijiet imsemmija fl-art. 836(1) (*b*) u (*f*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u biex il-qorti tikkundanna lis-sekwestrant iħallas penali li jaħseb għaliha l-art. 836(8). Is-soċjetà sekwestranti *Seyba Aluminium Limited* wieġbet fil-11 ta' Marzu 2020. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B’sentenza mogħtija fl-4 ta’ Ottubru 2017 fil-kawża fl-istess ismijiet (rikors maħluf numru 510/2016) il-qorti ikkundannat lis-soċjetà konvenuta, illum is-sekwestrata *Windmill Aluminium Company Limited*, tħallas lill-attriċi *Seyba Aluminium Limited*, illum is-sekwestranti, is-somma ta’ ħamsa u sittin elf u sitt mitt euro (€65,600), flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż, iżda laqgħet l-eċċezzjoni ta’ Grazio Debono, ir-rikorrent tallum, li ma huwiex kontradittur leġittimu.

3. Minn din is-sentenza appellat il-konvenuta sekwestrata *Windmill Aluminium Company Limited* li talbet illi din il-qorti “filwaqt li tikkonferma li Grazio Debono ma huwiex leġittimu kuntradittur … tiċħad it-talbiet attriċi kemm fil-konfront ta’ Grazio Debono u kif ukoll fil-konfront tas-soċjetà appellanti …”. Is-sekwestranti wieġbet illi l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata tiġi konfermata. Ma sar ebda appell inċidentali. Għalhekk, is-sentenza appellata, safejn laqgħet l-eċċezzjoni li r-rikorrent sekwestrat ma huwiex kontradittur leġittimu, illum hija *res iudicata.*

4. Fit-12 ta’ Novembru 2019 – meta allura s-sentenza safejn laqgħet l-eċċezzjoni tar-rikorrent kienet ġà saret finali – is-sekwestranti talbet il-ħruġ ta’ mandat kawtelatorju ta’ sekwestru għal ħamsa u sittin elf u sitt mitt euro (€65,600) u bħala kawżali indikat dan li ġej:

> »illi permezz tad-decizjoni ta’ din l-onorabbli qorti … datata l-4 ta’ Ottubru tal-2017, is-sekwestrati jew min minnhom ġew ordnati jħallsu l-ammont ta’ ħamsa u sittin elf u sitt mitt euro (€65,600) lis-soċjetà sekwestranta;
>
> »illi din id-deċiżjoni ġiet sussegwentement appellatta fit-23 ta’ Ottubru 2017 u għalhekk il-kwistjoni bejn il-partijiet tinsab *subjudice*;

> »illi *ormai* s-sekwestrat Grazio Debono huwa d-direttur u l-unika azzjonista tas-soċjetà sekwestrata *Windmill Aluminium Company Limited* ;
>
> »illi s-soċjetà sekwestranta tixtieq illi tieħu l-prewkawzjonjiet kollha sabiex tissalvagwardja l-pretensjonijiet kollha allegata minnha.«

5. Minkejja dak deċiż finalment fis-sentenza, is-sekwestranti indikat bħala sekwestratarji kemm lil *Windmill Aluminium Company Limited* u kemm lir-rikorrent Grazio Debono.

6. Il-mandat inħareġ fit-13 ta' Novembru 2019 kontra ż-żewġ sekwestratarji.

7. Mill-ewwel jidher illi, bis-saħħa ta' sentenza li fil-parti relevanti tagħha kienet ġà *res iudicata* meta ntalab il-ħruġ tal-mandat, Grazio Debono ma huwiex debitur tas-sekwestranti. Huwa daqstant ieħor manifest illi ma kienx ġustifikabbli li l-mandat jinħareġ u ma huwiex ġustifikabbli li jinżamm fis-seħħ.

8. Dwar it-talba għall-ħlas ta' penali r-rikorrent igħid illi s-sekwestranti mxiet b'malizzja meta, għalkemm taf li hu, bis-saħħa tas-sentenza, ma huwiex debitur, xorta indikatu bħala sekwestratarju u kisbet il-ħruġ tal-mandat kontra tiegħu.

9. Jekk ma mxietx b'malizzja s-soċjetà sekwestranti ċertament imxiet b'*culpa lata quæ dolo æquiparatur* u għalhekk, fil-fehma ta' din il-qorti, hemm l-estremi biex tiġi kundannata tħallas penali taħt l-art. 836(8)(*d*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

10. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tħassar il-mandat kawtelatorju numru 1562/2019 fl-ismijiet fuq imsemmija u tordna l-ħruġ minnufih tal-

kontro-mandat relativ; tikkundanna lis-soċjetà sekwestranti tħallas lir-rikorrent penali ta' elf u ħames mitt euro (€1,500) u tikkundanna tħallas wkoll l-ispejjeż ta' dan l-episodju.

11. Dan il-provvediment ingħata *in camera* llum 10 ta' Gunju 2020. Għandha minnufih tintbagħat kopja b'mezzi elettroniċi lill-avukati jew lill-prokuraturi legali tal-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm